# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 26 ta' Ottubru 2021**

**Talba Nru: 309/2017 JG**
**Numru fuq il-lista: 1**

**Carlo Muscat (ID 105788(M))**

**Vs**

**Jazz Cave Limited (C 75655)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fit-12 ta' Lulju 2017, permezz ta' liema, l-attur talab lil dan it-Tribunal sabiex s-soċjetá konvenuta tħallas lill-attur s-somma ta' ħames t'elef Ewro (€5,000) rappreżentanti servizz ta' servizz mużikali mogħti kif aħjar deskritt fl-istess Avviż[1];

[1] A fol 1 *et seq.*

Ra s-sentenza preliminari, mogħtija minn dan it-Tribunal diversament presedut nhar it-23 ta' Frar 2018, permezz ta' liema s-soċjetá konvenuta ġiet dikjarata bħala kontumaċi[2];

Ra s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri), fl-ismijiet premessi, mogħtija fis-6 ta' Marzu 2020, permezz ta' liema dik il-Qorti laqgħet l-appell interpost mis-soċjetá konvenuta għas-sentenza preliminari indikata fil-paragrafu preċedenti u tat żmien lill-istess soċjetá konvenuta tippreżenta risposta;

Ra r-risposta tas-soċjetá konvenuta[3];

Ra d-digriet mogħti mil-Onor. Prim Imħallef ta' nhar it-28 ta' Ottubru 2020 tramite liema din it-talba ġiet assenjata lil dan it-Tribunal kif presedut[4];

Sema x-xhieda tal-attur mogħtija fis-seduta tal-11 ta' Frar 2021 u ra d-dokumenti eżebiti[5];

Ra n-nota tal-avukati tas-soċjetá konvenuta li biha ddikjaraw li kienu qegħdin jirrinunzja għal-patroċinju tas-soċjetá konvenuta[6];

Reġa sema x-xhieda tal-attur mogħtija fil-24 ta' Mejju 2021[7];

Ra dak deċiż fis-seduta tat-8 ta' Lulju 2021, u ċioé lis-soċjetá konvenuta qatt ma rreġistrat dehra quddiem dan it-Tribunal kif presedut (minn mindu dan il-każ ġie

[2] Sentenza tibda a fol 26.
[3] Eżebita a fol 41 tal-proċess
[4] A fol 55.
[5] Xhieda tibda a fol 64.
[6] L-ewwel nota f'dan is-sens tinsab a fol 79. Jidher li din reġgħet ġiet ippreżentata sabiex tiġi ffirmata wkoll mill-avukat Nigel Micallef. It-tieni nota tinsab a fol 102 tal-proċess.
[7] Xhieda tibda a fol 80A tal-proċess.

assenjat lilu) u fejn laqa' t-talba tal-attur sabiex din it-Talba tiġi differita għas-sentenza[8];

Ra l-atti proċesswali kollha;

**Ikkunsidra;**

Illi kif ġie indikat hawn fuq jirriżulta ċar lis-soċjetá konvenuta abdikat totalment mill-obbligi tagħha sabiex issegwi jew b'xi mod tkun attiva f'dawn il-proċeduri, wara li kienet ingħatat l-opportunitá tagħmel dan mill-Qorti tal-Appell. Tassew, wara li hija ppreżentat risposta, qatt ma rreġsitrat dehra f'dawn il-proċeduri, għalkemm ingħatat kull opportunità. Huwa ovvju għal dan it-Tribunal lis-soċjetá konvenuta abbandunat l-interess tagħha f'dawn il-proċeduri. Din il-passivitá ċertament ma kinitx t'għajnuna għaliha u bl-ebda mod ma jista jingħad li hija ppruvat l-eċċezzjonijiet tagħha.

Illi mill-banda l-oħra, l-attur xehed b'mod dettaljat dwar ir-relazzjoni kuntrattwali li huwa kellu mas-soċjetá konvenuta u eżebixxa numru ta' fatturi, il-kuntratt relattiv, kif ukoll korrispondenza kopjuża. Mill-assjem tal-provi prodotti, assimiljat mal-fatt lit-Tribunal ingħata biss verżjoni waħda, mill-attur biss, iqis li fil-prinċipju t-talba tal-attur hija ġusta u timmerita akkoljiment.

Illi d-diffikultá li għandu t-Tribunal huwa dwar l-ammont li huwa dovut lill-attur, u allura l-element tal-kwantifikazzjoni. Hawnhekk it-Tribunal iħoss il-ħtieġa li jissofferma ruħu momentarjament sabiex jispjega, anke jekk b'mod konċiż, aspetti partikolari li jolqtu lil dan it-Tribunal speċjali.

---

[8] Verbal relattiv jinsab a fol 103.

Illi għandu jkun indiskuss li dan it-Tribunal huwa munit b'fakultá differenti mill-Qrati ordinarji u ċioé l-obbligu li prinċipalment jaqta' t-talbiet quddiemu b'element t'ekwitá[9]. Issa, d-diskrezzjoni ekwitattiva m'għandhiex tintuża sabiex *jivvjola n-normi pożittivi tal-ġustizzja, sew proċedurali in kwantu għall-oneru tal-provi, sew sostantivi*[10]. Min-naħa l-oħra mbgħad dan il-kejl jippermetti wkoll ċertu ammont t'elastiċita f'dak li huwa ġudizzju[11].

Illi dwar dan l-aħħar punt, huwa minnu li l-valutazzjoni ekwitattiva m'hijiex tal-istess xorta ta' dik l-ekwitá kontemplata skond il-liġi speċjali li tirregola dan it-Tribunal[12].

Illi l-attur fix-xhieda tiegħu spjega li l-parti tiegħu, li għadu dovut huwa ta' €1,500[13].

---

[9] Artikolu 7 tal-Kapitolu 380 tal-Liġijiet ta' Malta.

[10] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Martin Paul u Connie konjugi Vella vs Chris Micallef,** (Appell Ċivili Numru. 653/2008/) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-6 ta' Ottubru 2010.

[11] *Vide* s-sentenza fl-ismijiet **Assocjazzjoni GS1 Malta vs Andrews Feeds (Malta) Limited,** (Appell Ċivili Nru: 851/2007/1) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fit-12 ta' Diċembru 2008.

[12] Fis-sentenza fl-ismijiet **Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma vs John Mary Caruana,** (Appell Ċivili Nru: 266/2003) deċiża mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) deċiża fl-20 ta' Novembru 2009 intqal hekk*: Distingwibilment, il-valutazzjoni ekwitativa mhix ta' l-istess xorta ta' dik l-ekwita kkontemplata taht il-Kapitolu 380 tal-ligijiet u li tikkonsenti lit-Tribunal ghal Talbiet Zghar li jiddeciedi l-kontroversja quddiemu principalment skond dak l-istrument valutattiv. Ara Artikolu 7 (1) tieghu. Hu, invece, gudizzju rigwardanti espressament u eskluzivament il-mizura tad-danni b'mod li l-Qorti tikkompleta u timla l-vojt tal-prova preciza fuq il-kwantum bhala bonum vir, ossija b'apprezzament ekwu. Effettivament, tali apprezzament jimplika gudizzju fejn fih jittiehed konsiderazzjoni tal-qaghda konkreta tal-kaz u dan fil-prattika jfisser illi l-Qorti, filwaqt li ma thosshiex marbuta bl-istima proposta, fl-istess waqt ma tkunx lanqas tista' tinjora l-fatt accertat ta' l-ezistenza ta' l-illegalita u talpregudizzju ekonomiku soffert, u konsegwentement tghaddi biex taghmel uzu mill-precitat kriterju idoneju biex tasal ghall-komputazzjoni gusta, ossija, skond ma jinghad fir-rikors ta' l-appell, "ghallanqas ghall-parti mill-ammont mitlub mill-Korporazzjoni attrici appellanti";*

[13] Fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Frar 2021, huwa qal hekk: *"...minn dik l-invoice ta' l-ewwel ta' Frar il-parti tiegħi personali hija elf u ħames mija".*

Illi t-Tribunal huwa marbut li joqgħod biss fuq dak li jemerġi mill-atti u ma jistax jinoltra ruħu fuq provi li ma jeżistux.

Illi għalhekk filwaqt li jqis lis-soċjetá konvenuta hija debitriċi u għandha tħallas l-attur, dan sejjer jiġi limitat biss fl-ammont ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500), kif iddikjara testwalment l-attur stess għaliex mill-fatturi eżebiti dan huwa l-ammont rimanenti. L-ammonti l-oħra fi kliemu stess, jikkonċernaw mużiċisti barranin. Issa fl-ewwel lok ma jirriżultax, lil dan it-Tribunal, li l-attur jista jitkellem għan-nom ta' nies oħra. Ċertament, dawn ma humiex parteċipi f'dawn il-proċeduri u semmai għandhom jipproċedu huma jekk hemm xi pendenzi. Fit-tieni lok pero, l-attur stess iddikjara li l-ammonti l-oħra (dovuti lill-mużiċisti) huma mħallsa[14] u dak li fadal minn din it-Talba huwa dak dovut lilu, li kif jgħid jammonta għal €1,500. Huwa dan l-ammont biss li sejjer jitqies.

Illi finalment irid jingħad li huwa minnu li l-attur naqas milli jindika li qiegħed jitlob l-ispejjeż u l-imgħax. Hawnhekk, irid jingħad li l-attur deher mhux assistit f'dawn il-proċeduri[15]. Madanakollu dan m'huwiex xkiel għal dan it-Tribunal għas-segwenti raġunijiet. Għal dak li jikkonċerna t-talba għal-ispejjeż, din titqies bħala miktuba ai fini tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta[16]. Dwar l-imgħax, għalkemm dan m'huwiex mitlub fl-Avviż, t-Tribunal sejjer xorta

[14] Fix-xhieda tiegħu tal-11 ta' Frar 2021, fuq mistoqsija tat-Tribunal qal hekk: *"It-Tribunal: Ok. U l-mużiċisti l-oħra ma għandekx x'taqsam; dawk tħallsu. Xhud: eżatt eżatt. It-Tribunal: Dawk tħallsu. Xhud: hekk hu hekk hu."*
[15] Għalhekk jitqies ta' aktar importanza dak li jrid r-regolament 12 tal-L.S 380.01.
[16] Dan jgħid hekk: *Il-klawsola "bl-ispejjeż" titqies dejjem bħala mdaħħla f'kull skrittura li fiha jistgħu jintalbu l-ispejjeż.*

jikkundanna dan il-ħlas u ma jistax jingħad li b'hekk ikun qiegħed jaġixxi *extra petita*[17]. It-talba hija sejħa għal-ħlas.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tal-attur u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lill-attur s-somma ta' elf u ħames mitt Ewro (€1,500) bl-imgħax legali mit-12 ta' Lulju 2017[18] sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, b'żieda ma dawk tal-appell, li kif ġie deċiż mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) għandhom jiġu sopportati mis-soċjetá konvenuta, jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

[17] F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Costantino Ablea vs George Azzopardi (App Ċiv Nru: 380/1987/1)** mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Superjuri) nhar is-7 ta' Ottubru 2005, fejn propju aggravju fuq dan il-punt ġie miċħud.
[18] Data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba.